MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Numru. 982/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**

**VS**

**SILVIO (SAVIOUR) FARRUGIA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Silvio (Saviour) Farrugia detentur tal-Karta tal-Identita` numru 172471 M.

**Akkuzat talli:**

Nhar il-1 ta` Settembru, 2012, u xhur ta` qabel din id-data, gewwa Triq ix-Xambekk, Naxxar, u bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer:

a) Gab ruhu b'tali mod li kien jaf jew li missu kien jaf li kien ta` fastidju lil Tatiana Kokina b'messaggi kontinwi u theddid u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

b) Bl-imgieba tieghu ikkaguna lill-omm bintu, jigifieri lil Tatiana Kokina, biza` li se tintuza vjolenza kontrieha jew kontra l-propjeta` taghha jew kontra l-persuna meta kien jaf jew imisshu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil Tatiana Kokina u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta` htija, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` tal-imsemmija Tatiana Kokina, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta` Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa;

Dr. Marion Camilleri in rappresentanza tal-parti lesa informat lill-Qorti li in rappresentanza tal-klienta taghha hija kienet qed tirtira kull azzjoni kriminali u tiddikjara li l-klienta taghha ma kelliex aktar interess f'dawn il-proceduri.

Illi in-vista ta' din id-dikjarazzjoni u wara li rat l-Artikoli 251A u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tiddikjara li dawn l-imputazzjonijiet jistghu jigu rinunzjati mill-parti lesa.

Dr. Marion Camilleri tikkonferma d-dikjarazzjoni li ghamlet li permezz taghha din il-Qorti tiddikjara dawn il-proceduri bhala ezawriti.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------